servizz pubbliku

# Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi

## MIN AĦNA

It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha l-kompitu li tiżgura l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-acquis tal-UE u internazzjonali dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, inkluż iżda mhux limitat għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar, il-Konvenzjoni ta' Bern, il-Konvenzjoni ta' Bonn u strumenti rilevanti oħra tal-UE u internazzjonali. It-Taqsima tfittex li tiżgura simplifikazzjoni, effikaċja akbar u osservanza tal-liġijiet u r-regolamenti kollha applikabbli li jirregolaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u prattiċi sostenibbli tal-kaċċa u l-insib.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://wbru.gov.mt/servizzi/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 10-15-il minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum 1 tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 3 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *wildbirds@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq Issotometi ilment

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi 122 Triq Misraħ Barrieri, Santa Venera Malta
- It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi Triq l-Arċisqof Pace, Rabat, Għawdex
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 10:00-12:00; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *https://wbru.gov.mt*; *wildbirds@gov.mt* ;
- Malta: +356 2215 6102; Għawdex: +356 2215 6965
- Permezz tal-midja soċjali: